MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 110/2007

Il-Pulizija
(Supt. N. Harrison)
Vs
Geoffrey Turner

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Marzu, 2002 u matul l-ahhar sena qabel din id-data;

1) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Rgolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif

emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2) kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza mghotija mil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Noel Cuschieri) fid-9 ta' Frar, 2001.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu, 2007, li biha wara li rat ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985, l-artikolu 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), it-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika, sabet lil-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni biss u lliberatu mit-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltija (LM200), liema multa tista' tithallas b'rati ta' hamsin lira (LM50) fix-xahar bl-ewwel pagament isir erba' gimghat mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ghandu jithallas kollhu f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghall kull Lm5 mhux imhallsin.
Il-Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta' l-espert li jammontaw ghal LM 39 u dan fi zmien xahar.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni, thassarha fil-bqija w minflok tiddikjarah hati biss ta' pussess semplici ta' medicina ristretta w psikotropika minghajr id-debita awtorizzazzjoni w tinfliggi piena ohra skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment tasal ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni ghab-bazi tal-provi migjuba. Illi hu ma jikkontestax il-pussess semplici tal-medicina psikotropika pero' l-pilloli li nstabu ma kienux intizi sabiex jigu spaccjati jew traffikati. Apparti li l-Pulizija sabu fuq l-appellant tnax

il-pillola exstacy, il-prosekuzzjoni ma rmexxiliex tistabilixxi ebda punt ta' fatt iehor konkret illi b' xi mod seta' jitfa' ftit aktar dawl biex isahhah l-allegazzjonijiet maghmula kontra l-appellant. Tnax il-pillola mhumiex ammont kbir jew esagerat u l-ammont tad-droga involuta wahdu ma huwiex cirkostanza li juri li d-droga ma tkunx intiza ghall-uzu personali izda ghal spacc hlief biss meta dan l-ammont ikun tali li ma jippermetti ghall-ebda spjegazzjoni ohra plawsibbli hlief li d-droga kienet intiza sabiex tigi traffikata. Iz-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni PC 599 Clive Mangion u PC 730 Raymond Vella it-tnejn naqsu milli jaghtu indikazzjoni korrretta u preciza tal-hin li fih sehhet is-*search* fuq l-appellant. Hemm ukoll kontradizzjoni tal-fatti bejn iz-zewg xhieda. PC599 jghid li l-appellant kien gie mwaqqaf huwa u diehel ghal *rave party* mentri PC 730 jghid li ghamlulu tfittxija f' nofs il-folla. L-Ewwel Qorti donnha lanqas indunat b' diskrepanza hekk cara u kbira. F' *rave parties* bhal dak li kien qed jattendi l-appellant dak il-lejl jigu kunsmati l-akbar ammonti ta' pilloli ecstacy u ghalhekk l-unika konkluzzjoni accettabbli dakinhar kienet tkun illi d-droga li nstabet fuq l-appellant kienet intiza biss w unikament sabiex tigi kunsmata mill-appellant u xejn aktar.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju principali jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti biex sabet htija skond l-ewwel imputazzjoni, cioe' dik  ta' pussess tad-droga ecstacy f' cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghal-uzu esklussiv tal-appellant.

Issa huwa ormai pacifiku fil-gurprudenza nostrana ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti

jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant .

Illi dawn il-provi jikkonsistu fid-depozizzjoni ta' zewg membri tad-drug squad li kienu prezenti fit-tfittxija fuq l-appellant , L-ispizjar analista Mario Mifsud, kif ukoll l-istqarrija tal-appellant u x-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti u d-depozizzjoni tax-xhieda in difesa Dr. J. Zammit Montebello u Melanie Borg, it-tfajla tal-appellant dak iz-zmien..

**PC 599 Clive Mangion** kien xehed li fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Marzu, 2002 hu kien sab tnax il-pillola fuq l-appellant, tnejn mill-but tal-lemin tal-gakketta w ghaxra fil-but tax-xellug. Dak il-hin l-appellant kien diehel fil-party li kien sar f' Hal Far.

**PC 730 Raymond Vella** xehed li mill-bwiet tal-appellant kienu nstabu tnax il-pillola . Qal ukoll li but minnhom kien imtaqqab u l-pilloli kienu qeghdin 'l isfel mac-cinta. Dawn instabu gewwa l-party u mhux barra l-party.

**L-Ispizjar Mario Mifsud** li kien gie nominat bhala espert mill-Ewwel Qorti kien xehed li fit-tnax il-pillola li kienu gew elevati mill-bwiet tal-gakketta tal-appellant fil-prezenza tal-istess appellant minn PC730 Raymond Vella u PC599

Clive Mangion , kien fihom is-sustanza MDMA (ara. Fol. 24)

Fl-istqarrija tieghu tal-20 ta' Marzu, 2002, l-**appellant** kien qal li meta l-Pulizija sabulu 12 il-pillola ecstacy tat-tip Donald Duck fil-but tal-gakketta tieghu, hu kien f' nofs it-tinda qalb in-nies u kien ilu hemm madwar siegha. Kien mar ir-rave party mat-tfajla izda dak il-hin din ma kienetx hdejh. Kien ghadu ma ha ebda wahda mit-tnax il-pillola li kellu. Hu ammetta li juza l-ecstacy *"darba kull tant."* U kien ilu johodhom xi sena fil-parties izda ma kienx *addict* ghalihom. Meta gie mistoqsi kemm kien ser jiehu ectasy dak in-nhar, qal li ma kienx jaf kemm kien ser jiehu. Dawn kien xtrahom xi LM15 il-wahda xi xahar qabel dak il-party u minn dak in-nhar ma kien uza xejn minnhom.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-**appellant** xehed li r-*rave parties* li kien jattendi kienu jibdew ghal xid-9 pm u jispiccaw f' xis-2 am. Kien imur xi tlieta jew erba fix-xahar. Kellu vizzju li jibla' l-ecstacy u bhala medja kien jiehu gieli ghaxra u gieli aktar u gieli inqas. Kien johodhom kull siegha jew siegha w nofs. Hu ma kienx jiblaghhom kollha fil-party. Kien imur x' imken wara u kien jidhol id-dar fid-9 am. Is-*search* fuqu saret f' xil-10.30 pm. Qal li l-ecstasy li kellu kien biex jiblaghhom hu w mhux biex iqassam lil haddiehor. Xehed li kien ha wahda u kien baqghalu 12 fil-but. Kien xtrahom Lm6 il-wahda. Meta nqratlu l-istqarrija, qal li l-ecstasy kien xtraha minn barra l-party. Hareg, xtrahom u dahal. Kien xtrahom minn barra qabel dahal. Umbaghad qal li ma jiftakarx jekk kienx gja ha wahda jew le. Meta inqratlu dik il-parti tal-istqarrija tieghu fejn kien qal li kien xtrahom xahar qabel, bidel il-versjoni w qal li jahseb li kien xtrahom xahar qabel, ghax kienu ghaddew sentejn. Mistoqsi mill-Avukat difensur biex jghid minn fejn kien jixtri dawn il-pilloli l-ewwel qal li ma jiftakarx ezatt, pero' wara qal li l-aktar li kien jixtri kien mill-parties ghax kien aktar hafif li tidhol milli ddahhal id-droga mieghek. Meta gie mistoqsi ghaliex dahhal tnax il-pillola mieghu meta kien fadallu biss xi erba sieghat x' hin gie arrestat, wiegeb li ghax wara kien sejjer party iehor. Ma jafx ghaliex dawk li ma kellux bzonn ma hallihomx fil-car. Qal ukoll li kien dejjem juza l-ecstacy u kien ilu xi sentejn jew tlieta.

**Dr. J. Zammit Montebello,** prodott mid-difiza, mistoqsi kemm kien kapaci bniedem jikkonsma ecstasy f' lejla shiha mid-9pm sas-6 am, xehed li dan jiddependi mill-purita' tat-tablet u mit-tolleranza tieghu w miz-zmien li fih ikun hadhom. Jekk tibla' ghaxra f' daqqa l-effett ser ikun differenti milli jekk tohodhom tnejn, tnejn. Mil-esperjenza tieghu qal li jaf min seta ha ghaxra fil-periodu taz-zmien indikat lilu mid-difiza. Min jaghmel hekk ikollu jumejn bi problemi, ta' agitation, polz gholi, pressjoni gholja w temperatura gholja. Dan jista' jigrilek anki b' pillola wahda. L-effett tal-MDMA mhux dejjem hu *dose related*. Minn jiehu aktar minn wahda generalment johodhom ftit, ftit.

**Melanie Borg,** xhud in difiza, xehdet li kienet tohrog mall-appellant u kienu jmorru parties u jibqghu hemm sal-4am jew 5am. Hi kien ikollha xi tghid mall-appellant ghax kien jixtri l-ecstacy u johodhom fil-parties. Kien jiehu hafna pilloli pero' ma kienetx tghoddhom. Fil-party in kwistjoni kienu ggieldu ghaliex huma kienu dahlu w ratu jitlaq lil hemm u lahaq xtara l-pills. Kien qal li sabhom irhas u bdiet glieda bejnha w bejn l-appellant. Id-dar qatt ma ratlu pills mili kien jibqalu. Ix-xiri sar hekk kif kien ghadhom kif dahlu f' dak il-party. Mistoqsija mill-proskuzzjoni kemm kien jiehu pills ix-xhud wiegbet li "*ma kontx nghoddhom imma kien jidher li jkun ghaddej sew".* Tenniet li kienet ratu jixtri fil-party minnghand wiehed twil, samrani, xaghru iswed jew brown skur u mhux minn barra. Wara li kien ser jispicca l-party dak in-nhar, kienu ser imorru go bar iehor. Kien jiehu l-pilloli kull tlitt kwarti.

Ikkonsidrat;

Illi l-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex fuqha sabet htija tal-ewwel imputazzjoni li dwarha hemm kontestazzjoni biss ghar-rigward tal-kwalifika li l-pussess tal-ecstacy ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant - ghax fuq il-pussess semplici ma hemmx kontestazzjoni - kienet is-segwenti :-
(a)li l-ammont ta' pilloli li nstab kien wiehed serju wkoll bi kriterji ta' gurisdizzjonijiet ohtra Ewropej;

(b) li l-ammont wahdu jista' jkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati;
(c) li lanqas ma hemm bzonn pluralita' ta' provi
(d) li l-fatt li jkun hemm prova li tindika l-uzu tad-droga mill-hati ma jfissirx necessarjament li dawn igibu fix-xejn li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-hati;
(e) Li skond ma gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassan Trabelsi", l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga hux ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali u sa hawn il-piz tal-prova (cioe' l-prova ta' l-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk pero' dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilta' li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu u dan b' applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap.101.
(f) Li jekk wiehed jaccetta dak li qal Dr. Zammit Montebello li l-effett ta' pillola idum saghtejn, jigi li l-appellant kellu hazna ghal xi sitta w ghoxrin siegha w mhux ghal sitt sieghat li jdum il-party u ghal xi ftit sieghat ohra tgawdija gewwa bar iehor wara party. Ghalhekk mill-hin li gie arrestat sal-hin li kellu jispicca l-party f' xis-2am, bil-kemm kellu cans jiehu tlitt pilloli.
(g) Li fix-xiehda tal-appellant kien hemm kontradizzjonijiet qawwija bejn l-istqarrija tieghu u dak li xehed u dawn gew elenkati fis-sentenza appellata. Ghalhekk din ix-xiehda ma kienetx wahda attendibbli fejn qal li kien jiehu ghaxar pilloli f' lejla wahda, biex jiggustifika l-ammont li kellu fuqu;
(h) Li x-xiehda ta' Melanie Borg f' parti sew minnha kienet sforz biex ikun gustifikat dak li m'ghandux ikun gustifikat.
(i) Li ghalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-ammont (li fuqu ma hemmx kwistjoni ) mhux wiehed li jintrabat ma uzu personali w l-imputat ma ppruvax fuq bazi ta' probabbilta' li tnax il-ecstacy kienu ghall-uzu tieghu, aktar u aktar meta wiehed iqis kif dawn kienu mqassmin , tnejn naha u 10 ohra, bil-but imtaqqab.

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti tara li l-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet wahda ezawrjenti, logika u bazata fuq sentenzi ohra w, wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "*unsafe and unsatisfactory*" u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba l-gudizzju tal-Ewwel Qorti meta qalet li l-ammont tad-droga misjub kien wiehed serju w li l-appellant ma kien xejn attendibbli fit-tentattivi kontradittorji tieghu biex jispjega li dawk il-pilloli kollha kien ser juzhom f' dik il-lejla wahda hu biss.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-emfasi li ghamel l-appellant fir-rikors tal-appell u fit-trattazzjoni orali fuq xi differenzi zghar reali jew apparenti bejn ix-xhieda ta' PC Mangion u dik ta' PC Vella, ftit ghandha rilevanza ghall-kwistjoni in kontestazzjoni, ghax mhux kontestat li nstabu tnax il-pillola ecstacy fuq l-appellant fil-bwiet jew but tal-gakketta tieghu w jekk kienx ghadu diehel jew gja dahal fil-party, ma taghmilx differenza.

Umbaghad kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs Brian Caruana"** [23.5.2002] :

*"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

F'dal kaz din il-Qorti thoss li, fuq il-fatti li rrizultawlha, l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li d-droga li nstabet fil-pussess tal-appellant instabet f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu

esklussiv tieghu kif mahsub fl-art. 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101.

Ghalhekk din il-Qorti mhux qed tilqa' l-appell fil-mertu .

Illi ma hemm ebda aggravju fuq il-piena *'ut sic'*, u f' kull kaz l-piena karcerarja w l-multa inflitti mill-Ewwel Qorti huma mhux biss perfettament entro l-parametri preskritti mill-ligi fl-artikolu fuq citat, izda inghataw fil-minimu possibbli ta' sitt xhur prigunerija w multa ta' LM200 . Illi mbaghad idejn l-Ewwel Qorti u anki idejn din il-Qorti huma marbuta bid-dispozizzjoni tal-artikolu 22 (9) tal-Kap.101 li ma jaghamilhiex possibbli li l-Qorti taghti piena taht il-minimu jew piena ta' sentenza sospiza fil-kaz ta' htija ghall-dan ir-reat u l-piena karcerarja hija mandatorja. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghaliex ghandha timmodifika l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------